MISSION FUND

No: 100 MARZU - MEJJU 2011

NEWSPAPER POST

# IL-MISSJUNARJU



EDITORJAL

Għeżież Membri u Ko-operaturi,

## IL-VOLONTARJAT

Fl-okkażjoni ta' din il-mitt edizzjoni ta' din in-newsletter, m'hemmx suġġett aktar addattat fuq x'hiex xtaqt nitkellem minn dan is-suġġett li għażilt: X'inhu l-volontarjat? Il-volontarjat huwa li sempliċiment wieħed ikun motivat biex jagħti ftit mill-ħin u l-enerġija tiegħu lejn xi xogħol jew proġett li jkun interessat fih. Għalkemm normalment wieħed aktar jieħu pjaċir jirċievi milli jagħti, il-volontarjat jagħti ħafna soddisfazzjon lil kull min joffri ftit għajnuna lil min għandu bżonn. Il-volontarjat tant qiegħed ikun rikonoxxut u apprezzat li anke l-Unjoni Ewropea ħasset il-ħtieġa li din is-sena tkun iddedikata għall-volontarjat.

Jien inħoss li l-Mission Fund kienet waħda mill-pijunieri li nkoraġġiet il-volontarjat tul is-27 sena li ilha mwaqqfa. Barra minn hekk, għal dawn l-aħħar għoxrin sena, il-Mission Fund ilha tħeġġeġ u tibgħat volontieri jagħmlu xogħol volontarju f'artijiet tal-missjoni, fejn fost proġetti oħra inbnew skejjel, estenzjoni ta' sptar, fish farm u *bio gas plant*. Kristu kien l-ikbar volontier per eċċellenza, għax għaqqad ix-xogħol volontarju tiegħu mal-volonta t'Alla. Kristu telaq il-ħajja privata tiegħu u ddedika l-aħħar tlett snin ta' ħajtu għall-umanita' kollha w għas-salvazzjoni tagħna lkoll. Dan l-att nobbli swielu ħajtu stess meta ġie mislub fuq is-salib. Din għandha sservi ta' tagħlima għalina. Mhux l-ewwel darba li xi wħud minnha jagħmlu xogħol volonotarju u flok ma' jirċievu apprezzament ta' dak li jkunu għamlu, isibu min ifixkilhom. Dan m'għandux jaqtalna qalbna. L-importanti hu li meta nagħmlu l-volontarjat, nagħmluh biex ngħinu l-proxxmu tagħna u biex nagħtu gloria l'Alla. "Kull ma għamiltu ma' l-iżgħar fost ħuti, għamiltuh miegħi" (Mk 25: 40).

Bħal ma jaf kulħadd il-vokazzjonijiet reliġjużi naqqsu ħafna. Imma donnu l-Ispirtu s-Santu fi żmienna jrid jinqeda bil-volontarjat, għax f'dawn l-aħħar snin rajna żieda sostanzjali fil-volontarjat. Għax kif jgħidu, il-kelma tqanqal u l-eżempju jkaxkar. Tant hawn għaqdiet volontarji li wieħed jista' jsib kull xorta ta' volontarjat skont x'ikun jixtieq jagħmel. Għax għaqda titħajjar minn oħra jew inkella għaqda tagħmel kuraġġ bl-oħra. Il-lum issib għaqdiet fejn wieħed jista' jagħmel xogħol volontarju ma' l-anzjani, mal-morda, ma' persuni bi bżonnijiet speċjali jew xogħol li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni, ma' l-ambjent jew anke mall-kura ta' l-annimali. Il-lum saħansitra anke l-istat qed jinqeda bil-volontarjat.

Nixtieq nagħlaq dawn l-erba kelmiet billi ninkuraġġixxi lil dawk li għadhom mhux involuti fil-volontarjat biex jagħmlu l-kuraġġ u jinvolvu ruħhom huma wkoll. Inti m'għandekx għalfejn taspira għal affarijiet kbar jew m'għandekx għalfejn tkun f'xi għaqda biex twettaq il-volontarjat. Biex ngħid hekk, inti tista' taddatta xi ħaġa għalik, bħal per eżempju billi toffri għajnuna li xi anzjan jew anzjana fit-tindif tad-dar jew billi tmur tixtri xi

Address: Eureka Court, Block A Flat 6; Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon–Fri 9am –1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24-hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-Mission Fund hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Voluntarji - Reg.N°- VO/0015

affarijiet li hemm bżonn jew billi tagħmel xi naqra te. Jew forsi taf b'xi ħadd li jgħix waħdu u m'għandhux min idur bih u forsi darba kull tant tistiednu biex toħorġu dawra bil-karrozza jew tmorru tieħdu kafe flimkien. Insomma hemm ħafna volontarjat bħal dan. B'dawn l-affarijiet żgħar, inti tkun ġibt ferħ f'qalb dawk li jkollhom bżonn l-għajnuna u fl-istess ħin inti tħossok ferħan li qed tagħmel il-ġid mal-proxxmu tiegħek.

Kif jgħidu, iktar hu ħieni min jagħti milli dak li jircievi. Hekk l-istess effett iħalli l-volontarjat. Għax inti taħseb li se tagħti filwaqt li fil-fatt issib li iżjed qed tirċievi. Issib li x-xogħol volontarju qed iservi bħala serħan tal-moħħ mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum u biex jikkalmak. Tibda tħoss ċertu kuntentizza fil-qalb. Tibda tinduna li mhux biss int li qed tagħmel il-ġid u tgħin lil ħaddiehor imma tibda tħoss li l-volontarjat qed jagħmillek ħafna ġid. Għalhekk ninkoraġġixxi lil kullħadd sabiex jinvolvi ruħu f'xi tip ta' volontarjat.

*Philip Micallef – Teżorier*

---

**DONAZZJONIJIET LI NTBAGĦTU LILL-MISSJUNARJI BEJN SETTEMBRU–DIĊEMBRU 2010**

**1. Fr. Joseph Cremona (FILIPPINI)**
Biex jitħallsu l-miżati ta' l-iskejjel u l-universita' lill-istudenti foqra. €1,200

**2. Sr. Giustina Aquilina (PAKISTAN)**
Għat-tmexxija ta' sptar u għall-kura medika u għall-għajnuna lil dawk li tilfu djarhom minħabba l-għargħar. €1,200

**3. Sr. Evelyn Delicata (KENJA)**
Għall-għajnuna lit-tfal tat-triq u lin-nisa foqra biex jitgħallmu xi snajja ħalli jaqilgħu l-għajxien tagħhom. €1,200

**4. Sr. Marianne Farrugia (FILIPPINI)**
Għall-missjoni ġdida ma' studenti foqra li għandhom bżonn għajnuna finanzjarja. €1,200

**5. Fr. Joseph Sciberras (BRAŻIL)**
Għat-tqassim ta' ikel ta' kull xahar lill-anzjani foqra u għat-tmexxija ta' ċentru soċjali għat-tfal abbandunati, vittmi tal-vjolenza u orfni. €1,200

**6. Fr. Emidio Saliba S.J. (INDJA)**
Għall-għajnuna lin-novizzi u għax-xogħol pastorali. €1,200

**7. Fr. Joseph Pullicino (ETJOPJA)**
Għat-tmexxija ta' ċentru u għat-tiswija ta' 2 karozzi, 4 computers u photocopier. €1,200

**8. Sr. Antoinette Calleja (LIBJA)**
Għall-għajnuna lil madwar 200 orfni u tfal li ġejjin minn familji mkissra. €1,200

**9. Sr. Mary Rose Muscat (ISRAEL)**
Għax-xiri ta' mediċini u għall-bżonnijiet edukattivi lin-nies foqra. €1,200

**10. Fr Anthony Fenech (EĠITTU)**
Għall-għajnuna edukattiva, vokazzjonali, reliġjuża, kulturali u rikrejattiva lill-familji foqra. €1,200

**Donazzjonijiet mill-01.09.2010 - 31.12.2010** **€13,200**
**Donazzjonijiet matul is-sena 2010** **€92,900**
**Donazzjonijiet mill-1984 - 2010** **€2,738,066**

# MARATONA fuq it-TV – PROĠETT TAMA:



Il-Mission Fund ser torganizza l-maratona televiżiva nhar il-**Ħadd 13 ta' Marzu** minn nofs in-nhar sa nofs il-lejl u ser tixxandar dirett fuq diversi stazzjonijiet. Din ser issir b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin kollha b'mod speċjali għall-proġett ta' bini ta' swali tal-maternita` fi sptar immexxi minn Sr. Maria Borda fit-Tanżanija u għall-bini ta' ċentru għall-foqra, fejn qed jaħdem bla heda Fr. Anton Grech, fil-Gwatemala.

Fil-waqt li mill-istudio ser jixxandru diversi filmati fuq il-ħajja fl-artijiet tal-missjoni, ser ikun hemm ukoll programm ta' varjeta fl-Oak Tree Circle, Ta' Qali, għall-familja kollha.

Inħeġġukom biex tgħinu lill-missjunarji Maltin u Għawdxin billi toffru donazzjonijiet u billi tgħidu lil ħbiebkom u lil qrabatkom biex iżuru l-attivita f'Ta' Qali jew biex isegwu t-TV u jċemplu bid-donazzjoni tagħhom. Grazzi.

**Żomm dan l-appuntament magħna għal nhar il-Ħadd 13 ta' Marzu. Grazzi bil quddiem.**

# FIGOLLI:

Bħal kull sena, għal fund raising ser ikollna figolli li ser jinbiegħu €5.00 il-waħda. Tistgħu tordnaw mill-uffiċċju fuq Tel 2141 3664, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-09.00 sas-13.00 jew lil Therese Gatt fuq Tel.2143 3469 / 9922 6253.

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2011:

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir fl–**10 t'April, 2011** fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun. F'din il-laqgħa, fost affarijiet oħra jinqara l-Indirizz tal-President u jiġu approvati r-Rapport Amministrattiv u dak Finanzjarju għas-sena li għada kemm għaddiet.

# NEWSLETTER FUND:

Bħal kull sena, qed niġbru donazzjoni ta' lanqas €3.00, għall-ispejjeż ta' din in-Newsletter. Jekk jogħġobkom immarkaw l-envelop tad-donazzjoni għal dan l-iskop, jiġifieri 'Newsletter Fund'. Din id-donazzjoni mhix obbligatorja. Min ma jibgħatiex xorta jibqa' jirċievi n-Newsletter imma bl-għajnuna tagħkom tkunu qed ittaffu xi ftit l-ispejjez tagħna. Grazzi.

Nixtiequ xi helpers biex jgħinu fil-preparazzjoni tan-newsletter u biex iqassmuha fid-djar ta' l-irħula tagħhom. B'hekk inkunu nistgħu niffrankaw xi ftit mill-bolol. Kull min jixtieq jgħin għandu jċempel l-uffiċċju biex nagħtuh iżjed dettalji.



# BUFFET BREAKFAST:

Ser isir Buffet Breakfast ieħor nhar il-**Ħamis 5 ta' Mejju 2011** f'San Antonio Hotel & Spa, Qawra . Il-prezz huwa €10.00 biss. Il-quddiesa ser tiġi ċċelebrata minn Fr. Marcellino Micallef fid-09.15 fis-sala De Rohan, ġo l-istess lukanda. Wara l-Breakfast ikun hemm it-Tombola. Għal aktar dettalji u booking ċempel lil Mission Fund Tel: 2141 3664 jew lil John Sammut 21445221 / 79445221. Trasport jiġi provdut bi ħlas extra. Tħallux għal aħħar biex ma tkunux diżappuntati.

# SKEMA TA' SELF:

Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, jsellifna somma flus (€500 minimu), l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund. Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed jkollu bżonn il-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu rċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' €54,410 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari Maltin u Għawdxin. Kull min hu nteressat f'din l-opra sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.

---

# DONAZZJONIJIET ONLINE:

Nixtieq् nfakkrukhom li issa tista' tagħti d-donazzjonijiet tiegħek lil Mission Fund direttament minn fuq il-website tagħna www.missionfund.org.mt fil-kumdita' tiegħek mid-dar. Żur dan is-sit elettroniku w għafas il-link "Make a donation". Tista' tuża cards tal-VISA, Mastercard, BOV Cashlink, APS Premier u HSBC Quickcash.




---

# TOPUP CARDS U KARTOLINI TAL-MILIED:

Nitolbukom biex ma tibagħtux aktar mobile top-up cards tal-Go jew tal-Vodafone u lanqas kartolini tal-Milied. Grazzi.

---

# IRĊEVUTI FISKALI TAL-VAT:

Min jixtieq li jibgħatilna l-irċevuti fiskali tiegħu (MHUX IMMARKATI) għandu jagħmel dan fil-bidu tax-xahar (**mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa**) biex aħna nkunu nistgħu nimmarkawhom u nibgħatuhom fil-ħin, f'isem il-Mission Fund, lid-Dipartiment tal-VAT.

---

# GĦAL BEJGĦ:

- Sony Digital Still Camera DSC/T33
- Rosemary Spa Wellcare Massager
- Von Stainer 9pcs Knife Set (ġdid)

***Kull oġġett jiswa €50.***

Min hu nteressat għandu jċempel l-uffiċċju Tel: 21413664 *bejn 09.00 - 13.00.*

# *B A Z A A RS*

**CLEARANCE SALE:** FIS-6 - 7 - 8 T'APRIL, 2011

**09.30 - 12.30**

GARAGE 27, ST. MARGARET STREET, MOSTA

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

Kull xahar matul is-sena, fil-knisja ta' **San Franġisk il-Ħamrun** ser issir quddiesa għall-erwieħ tal-qraba tal-benefatturi tal-Mission Fund. Dan ser isir f'dawn il-ġranet li ġejjin:

**5 ta' Mejju (18.30), 2 ta' Ġunju (18.30), 7 ta' Lulju (18.30), 4 t' Awissu (18.30), 1 ta' Settembru (18.30), 6 t'Ottubru (18.30), 3 ta' Novembru (18.30), 1 ta' Diċembru, 2010 (18.30).** Inħeġġu li kull min jista`, jattendi għal dan il-quddies.

Quddiesa oħra ser issir nhar **l-Ħamis 7 ta' April, 2011** fis-19.00 fil-**Parroċċa tal-Gudja.**

Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni għandu jimla l-formula t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba u ħbieb mejtin u jibgħatilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddiesa. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess għan mill-Missjunarji li intom qegħdin tgħinu.

------------------------------------------------------ aqta` hawn ------------------------------------------------------

Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € _____________ permezz ta' cheque/ money order pagabbli lill-MISSION FUND għal ruħ/erwieħ:

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

*ISEM:* ________________________________*KUNJOM:*_________________________________________

*ISEM/NUMRU TAD-DAR:* _________________________________

*TRIQ:* ___________________________________________________________________________

*RAĦAL:* ________________________*KODIĊI POSTALI:* ________________*TEL:*______________________

MISSION FUND
Eureka Court, Blk A / Flt 6
Triq il-Kbira
MOSTA MST 1018
TEL/FAX: 2141 3664

Għeżież Ko-operaturi

GRAND LOTTERY 2011

Il-Mission Fund qiegħed għal darb'oħra jorganizza Lotterija Kbira b'risq il-missjoni, li għandha bħala

- **l-ewwel premju:** *NB Asus Dual Core 15.6" Laptop 2 GB Windows 7*
- **it-tieni premju:** *Samsung Camcoder SMX-F40 with 4GB Flash memory*
- **it-tielet premju:** *Framed Ganutel Flower Arangement*
- **ir-raba' premju**: *Weekend Break for 2 persons on B & B basis at San Antonio Hotel & Spa*
- **l-ħames premju**: *Silver plated Crucifix 58cm*
- **is-sitt premju:** *Sunday Lunch for 2 persons at the Costa Restaurant at San Antonio Hotel & Spa*

Din il-lotterija ser titla` l-**Ħadd 21 ta' Awwissu 2011** f' Eureka Court, Blk A / Flt 6, Triq il-Kbira, MOSTA fl-10.00. Il-pubbliku ġenerali huwa mistieden jattendi għat-tlugħ ta' din il-lotterija.

Ġewwa dan l-envelope għandek issib pakkett biljetti li fih 25 biljett. Kull biljett jinbiegħ 25 ċenteżmi biss u bħala turija ta' apprezzament tagħna ta' dak kollu li tagħmlu magħna, aħna qegħdin ngħatukom B'XEJN ĦAMES BILJETTI MA' KULL PAKKETT LI INTOM TBIEGĦU. Għalhekk aħna nkunu qed nistennew biss min għandkom €5.00 GĦAL KULL PAKKETT.

IMPORTANTI LI:-

1. Taraw li d-dettalji ta' dawk li jixtru l-biljetti jinkitbu ċar. Biljetti li jitħallew vojta u ma jimtlewx ma jiġux ikkonsidrati biex jipparteċipaw f'din il-lotterija.

2. Jekk tkunu tridu iżjed biljetti ċemplulna jew iktbulna.

3. Tibgħatu l-mamma tal-biljetti u l-flus sa mhux aktar tard mil-19 ta' Awwissu, 2011.

4. Meta tibgħatu l-ħlas tagħkom dan għamluh biss permezz ta' *cheque* jew *money order* (li tinħareġ mill-Posta) pagabbli lill-**MISSION FUND.**

5. Jekk għal xi raġuni jew oħra ma tixtiequx tbiegħu dawn il-biljetti ma jkun ġara xejn. Ibgħatuhomna lura.

6. Il-biljetti rebbieħa jridu jiġu ppreżentati lill-organizzaturi biex jingħataw ir-rigali.

F'kaz ta' xi diffikulta` ċemplulna (mid-9.00 ta' filgħodu sas-1.00 ta' wara nofs in-nhar mit-Tnejn sal-Ġimgħa) jew iktbulna.

Dejjem tagħkom fi Kristu,

Charles Decelis
SEGRETARJU

PS Din il-lotterija għandha l-permess tad-Direttur tal-Lottu Pubbliku numru 5/11